**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 583/02 AJD**

**Darryn Portelli, Ivan Muscat, Christopher Gauci, Carl Peralta**

**vs**

**Dr. Joseph Portelli Demajo M.D.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2002, fejn gie premess illi fid-19 ta' Frar, 2000, 26 ta' Frar, 2000, 11 ta' Marzu, 2000, 18 ta' Marzu, 2000 u 25 ta' Marzu, 2000, l-atturi organizzaw sitt (6) 'parties' fl-istabbiliment tal-konvenut. Il-ftehim milhuq mal-kohnvenut kien li l-ispejjez involuti ghall-organizzazzjoni u tmexxija tal-'parties' kellhom jigu sopportati in kwantu hhal nofs l-ispejjez mill-konvenut u n-nofs l-iehor mill-atturi. Illi l-ispiza totali sabiex gew organizzati dawn il-'parties' kienet ta' disa' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm985.92) li thallsu kompletament mill-attur. Illi ghalhekk il-konvenut kellu jhallas lill-atturi nofs dak l-ammont u precizament l-ammont ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm492.96). Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet mill-atturi biex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti. In vistatal-premess, l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm492.96).

Bl-ispejjes, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur Karl Peralta, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra d-digriet tieghu tat-2 ta' Mejju, 2002, fejn giet michuda t-talba tal-konvenut ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm492.96), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**